



KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
Opinjoni tal-EASA 06/2012
[...](2012) **XXX** abbozz

ANNES GĦALL-OPINJONI TAL-EASA 06/2012

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../..

tal-XXX****

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

s

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-XXX

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tħaddim ta' inġenju tal-ajru rreġistrat fi Stat Membru għandu jkun konformi mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti li huma stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament Nru 216/2008, sakemm is-sorveljanza tas-sikurezza regolatorja tkun ġiet iddelegata lil pajjiż terz u ma jintużawx minn operatur tal-UE.
- (2) It-tħaddim ta' inġenju tal-ajru rreġistrat f'pajjiż terz użat minn operatur li għalih kwalunkwe Stat Membru jiżgura s-sorveljanza tal-operazzjonijiet jew użat fi, fi ħdan jew barra mill-UE minn operatur stabbilit jew residenti fl-UE għandu jkun konformi mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament Nru 216/2008.
- (3) L-Anness IV tar-Regolament Nru 216/2008 jistabbilixxi rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà kontinwi għat-tħaddim ta' inġenju tal-ajru, inkluż rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet li jimmaniġġjaw l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' inġenju tal-ajru b'magni kumplessi u inġenji tal-ajru operati għal finijiet kummerċjali.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għat-tħaddim sikur tal-inġenju tal-ajru. Ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 jistabbilixxi dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa.
- (5) Dan ir-regolament jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 biex jiżgura li l-inġenji tal-ajri msemmija fil-premessa (1) u (2) jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà kontinwa stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament Nru 216/2008.
- (6) Hu meħtieġ li jingħata żmien suffiċjenti għall-industrija ajrunawtika u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri biex jadattaw għall-qafas regolatorju l-ġdid.

- (7) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija") ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ppreżentathom bħala opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 hu emendat kif ġej:

1) Artikolu 1 hu emendat kif ġej:

"Artikolu 1

Għan u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi biex jiżgura:

1. l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru rreġistrat fi Stat Membru, inkluż kull komponent li jiġi installat fuqhom, sakemm is-sorveljanza tas-sikurezza regolatorja tagħhom tkun ġiet iddelegata lil pajjiż terz u ma jintużawx minn operatur ieħor tal-UE.
2. konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti minn qabel fir-Regolament Bażiku għall-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fpajjiż terz u l-komponenti installati fuqhom li huma:
 - a) użati minn operatur li jeħtieġ ċertifikat skont l-Anness III, (parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 jew l-Anness VII (parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, ħlief l-inġenji tal-ajru użati b'kuntratt ta' kiri bl-ekwipaġġ jew ftehim ta' kondivizzjoni; jew
 - b) użati fi, fi ħdan jew barra mill-UE minn operatur stabbilit jew residenti fl-UE.”

2) Artikolu 2 hu emendat kif ġej:

“Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

- (n) "trasport kummerċjali bl-ajru" tfisser operazzjoni b'ingenu tal-ajru li tinvolvi l-ġarr ta' passiġġieri, merkanzija, jew posta bi hłas jew kiri minn trasportatur bl-ajru liċenzjat kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008.”

3) Artikolu 3 hu emendat kif ġej:

"Artikolu 3

Rekwiżiti ta' Ajrunavigabbiltà Kontinwa

1. L-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u l-komponenti li jiġu installati fuqhom għandhom jiġu assigurati skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness I.
2. L-organizzazzjonijiet u l-persunal involuti fl-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u l-komponenti installati fuqhom, inkluż il-manutenzjoni, għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I u fejn ikun xieraq ma' dawk speċifikati fl-Artikoli 4 u 5.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) li għandhom permess biex itiru, għandha tiġi assigurata abbażi tal-arranġamenti speċifiċi ta' ajrunavigabbiltà kontinwa kif iddefinit fil-permess għal titjir maħruġ skont l-Anness I (Parti-21) għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012.
4. L-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(2) u l-komponenti li jiġu installati fuqhom għandhom jiġu assigurati skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness V"

4) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 hu emendat kif ġej:

1. Għandhom jinħarġu approvazzjonijiet lil organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness 1, Subparti F, jew l-Anness II.

5) Artikolu 7 hu emendat kif ġej:

"Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Għandu japplika mit-28 ta' Ottubru 2014.
2. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu ta' paragrafu 1, għall-inġenji tal-ajru li ma jintużawx fit-trasport kummerċjali bl-ajru, ir-rekwiżiti tal-Anness V għandhom japplikaw mit-28 ta' Ottubru 2015.
3. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx:
 - (a) għall-manutenzjoni ta' ajruplani mhux ippresati b'magni bil-pistin ta' 2 000 kg MTOM u anqas li mhumiex involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru, sat-28 ta' Settembru 2014, ir-rekwiżit li jkun hemm persunal iċċertifikat skont l-Anness III (Parti-66) li hu inkluż fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - M.A.606(g) u M.A.801(b)2 tal-Anness I (Parti-M),
 - 145.A.30(g) u(h) tal-Anness II (Parti-145);
 - (b) għall-manutenzjoni tal-ajruplani ELA1 li mhumiex involuti fit-trasportkummerċjali bl-ajru, sat-28 ta' Settembru 2015:

- (i) ir-rekwiżit għall-awtorità kompetenti li toħroġ liċenzji ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru skont l-Anness III (Parti-66), bħala ġodda jew bħALA kkonvertiti skont il-punt 66.A.70 ta' dan l-Anness;
 - (ii) ir-rekwiżit biex ikun hemm persunal iċċertifikat li hu kkwalifikat skont l-Anness III (Parti - 66) li hu inkluż fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - M.A.606(g) u M.A.801(b)2 tal-Anness I (Parti-M),
 - 145.A.30(g) u (h) tal-Anness II (Parti - 145).";
4. Meta Stat Membru jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija.
 5. Għall-fini tal-limiti ta' żmien li huma inklużi fil-punti 66.A.25, 66.A.30 u l-Appendiċi III tal-Anness III (Parti-66) relatati ma' eżamijiet bażiċi ta' għarfien, l-esperjenza bażika, it-taħriġ u l-eżamijiet tat-tip teoretiku, it-taħriġ Prattiku u l-valutazzjoni, l-eżamijiet tat-tip u t-taħriġ fuq ix-xogħol li jitlesta qabel dan ir-Regolament, l-oriġini ta' żmien għandu jkun id-data sa fejn japplika dan ir-Regolament.
 6. L-Aġenzija għandha tissottometti opinjoni lill-Kummissjoni li tinkludi proposti għal sistema sempliċi u proporzjonata għal-liċenzjar ta' persunal li jiċċertifika involut fil-manutenzjoni ta' ajruplani ELA1 kif ukoll inġenji tal-ajru oħra ħliet l-ajruplani u l-ħelikopters.

Artikolu 2

L-Anness I (Parti-M) hu emendat skont l-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u hu miżjud Anness V ġdid (Parti-T) skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Għandu japplika minn [xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Il-President*

ANNEX 1

Anness I (Parti-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 hu emendat kif ġej:

1. Il-verreġ hu emendat kif ġej:

[...]

M.A.306 Sistema ta' ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru

[...]

Appendiċi I: Kuntratt ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

[...]
2. F'M.1, paragrafu 4 hu ssostitwit kif ġej:
 4. għall-approvazzjoni tal-programmi ta' manutenzjoni,
 - (i) l-awtorità magħżula mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, jew
 - (ii) jekk miftiehem mal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni qabel l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni:
 - (a) l-awtorità magħżula mill-Istat fejn l-operatur għandu s-sede prinċipali tiegħu jew hu stabbilit jew residenti, jew
 - (b) l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tal-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa li timmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru, jew li jkun sar kuntratt limitat magħha skont M.A.201(e)(ii) mis-sid.
3. F'M.A.201, paragrafi (e) sa (j) huma emendati u hu miżjud paragrafu (k) ġdid kif ġej:
 - (e) Fil-każ ta' trasport kummerċjali bl-ajru, l-operatur hu responsabbli għall-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru li jħaddem u għandu:
 1. jiżgura li ma ssir l-ebda titjira sakemm ma jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet iddefiniti fil-paragrafu (a);
 2. ikun approvat, bħala parti miċ-ċertifikat tal-operatur bl-ajru tiegħu, bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa skont M.A. Subparti G għall-inġenju tal-ajru li tħaddem; u
 3. ikun approvat skont Parti-145 jew jistabbilixxi kuntratt skont M.A.708(c) ma' din l-organizzazzjoni.
 - (f) Fil-każ ta' operazzjonijiet kummerċjali ħliet it-trasport kummerċjali bl-ajru, b'inġenji tal-ajru b'magni kumplessi, l-operatur għandu:
 1. jiżgura li ma ssir l-ebda titjira sakemm ma jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet iddefiniti fil-paragrafu (a);
 2. jiġi approvat, bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa skont M.A. Subparti G, għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà

- kontinwa tal-inġenji tal-ajru li jħaddem jew jistabbilixxi kuntratt bil-miktub skont l-Appendiċi I ma' tali organizzazzjoni, u
3. jiżgura li l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa msemmija f'(2) hi approvata skont Parti-145 għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u l-komponenti installati fuqhom, jew li jkun stabbilixxa kuntratt skont M.A.708(c) ma' din l-organizzazzjoni.
- (g) Fil-każ ta' operazzjonijiet kummerċjali ħlief it-trasport kummerċjali bl-ajru, b'inġenji tal-ajru għajr dawk b'magni kumplessi, l-operatur għandu:
1. jiżgura li ma ssir l-ebda titjira sakemm ma jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet iddefiniti fil-paragrafu (a);
 2. jiġi approvat, bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa skont M.A. Subparti G, għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru li jħaddem jew jistabbilixxi kuntratt bil-miktub skont l-Appendiċi I ma' tali organizzazzjoni, u
 3. jiżgura li l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa msemmija f'(2) hi approvata skont parti-M subparti-F jew Parti-145 għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u l-komponenti installati fuqu, jew li tkun stabbilixxiet kuntratt skont M.A.708(c) ma' tali organizzazzjoni.
- (h) Sabiex jissodisfa r-responsabbiltajiet tal-paragrafu (a), is-sid ta' ingenu tal-ajru b'magni kumplessi li mhuwiex soġġett għall-paragrafi (e) jew (f) għandu jiżgura li:
1. il-kompiti assoċjati mal-ajrunavigabbiltà kontinwa jitwettqu minn organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata. Għandu jsir kuntratt bil-miktub skont l-Appendiċi I, u
 2. l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa msemmija f'(1) hi approvata skont Parti-145 għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru u l-komponenti installati fuqhom, jew li jkun stabbilixxa kuntratt skont M.A.708(c) ma' din l-organizzazzjoni.
- (i) Sabiex jissodisfa r-responsabbiltajiet tal-paragrafu (a), għall-inġenji tal-ajru li mhumiex soġġetti għall-paragrafi (e), (f), (g) jew (h), is-sid jista' jikkuntrattata l-kompiti assoċjati mal-ajrunavigabbiltà kontinwa lil organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa. Għandu jsir kuntratt bil-miktub skont l-Appendiċi I.
- (j) Għall-inġenji tal-ajru soġġetti għall-paragrafi (e), (f), (g) jew (h), sid li jiddeċiedi li jimmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tiegħu, mingħajr kuntratt skont l-Appendiċi I, jista' madankollu jagħmel kuntratt limitat ma' organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, għall-iżvilupp tal-programm ta' manutenzjoni u l-approvazzjoni tiegħu skont il-punt M.A.302., Dan il-kuntratt limitat jittrasferixxi r-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni lill-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa kkuntrattata.

- (k) Is-sid/l-operatur għandu jżgura li kwalunkwe persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti tingħata aċċess għal kwalunkwe waħda mill-faċilitajiet, inġenji tal-ajru jew dokumenti tiegħu relatati mal-attivitàjiet tiegħu, inkluż kull attività sottokuntrattata, biex tiġi stabbilita konformità ma' din il-Parti.
4. F'M.A.301, paragrafi (2), (4) u (7) huma emendati kif ġej:
2. ir-rettifika skont id-data speċifikata fil-punt M.A.304 u/jew il-punt M.A.401, kif ikun applikabbli, ta' kwalunkwe nuqqas jew ħsara li taffettwa t-tħaddim sikur, filwaqt li jitqiesu l-lista ta' tagħmir minimu (MEL) u l-lista ta' devjazzjoni mill-konfigurazzjoni,
 4. għall-inġenji tal-ajru b'magni kumplessi jew l-inġenji tal-ajru użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru, l-analiżi tal-effettività tal-programm ta' manutenzjoni approvat minn M.A.302;
 7. għall-modifiki u/jew l-ispezzjonijiet mhux obligatorji, għal kull inġenju tal-ajru b'magni kumplessi jew inġenju tal-ajru użat għat-trasport kummerċjali bl-ajru, l-istabbiliment ta' politika ta' inkorporament;
5. F'M.A.302, paragrafu (c)(ii) hu emendat kif ġej:
- (ii) L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ma għandhiex tuża l-proċedura ta' approvazzjoni indiretta meta din l-organizzazzjoni ma tkunx taħt is-sorveljanza tal-Istat Membru tar-Reġistrazzjoni, sakemm ma jkunx jeżisti ftehim skont punt M.1, paragrafu 4(ii), li jittrasferixxi r-responsabbiltà għall-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa.
6. F'M.A.302, paragrafu (f) hu emendat kif ġej:
- (f) Għall-inġenji tal-ajru b'magni kumplessi, meta l-programm ta' manutenzjoni jkun ibbażat fuq loġika ta' grupp ta' tmexxija tal-manutenzjoni jew il-monitoraġġ tal-kundizzjoni, il-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jinkludi programm tal-afidabbiltà.
7. F'M.A.305, punt (b)(2) hu emendat kif ġej:
2. meta jkun meħtieġ minn punt M.A.306, il-ġurnat tekniku tal-inġenju tal-ajru.
8. F'M.A.306, it-titolu hu emendat kif ġej:
- M.A.306 Sistema ta' ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru
9. F'M.A.306, punt (a) hu emendat kif ġej:
- (a) Għall-operazzjonijiet kummerċjali, flimkien mar-rekwiżiti ta' M.A.305, operatur għandu juża sistema ta' ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja għal kull inġenju tal-ajru:

(...)

10. F'M.A.403 (b) u (c) huma emendati kif ġej:

- (b) Hu biss il-persunal ta' ċertifikazzjoni awtorizzat, skont il-punti M.A.801(b)1, M.A.801(b)2, M.A.801(c), M.A.801(d) jew l-Anness II (Parti-145) li jista' jiddeċiedi, permezz tad-dejta ta' manutenzjoni M.A.401, jekk ħsara f'inġenju tal-ajru tpoġġix friskju serju s-sigurtà tat-titjira u b'hekk jiddeċiedi meta u liema azzjoni ta' rettifika għandha tittieħed qabel titjira ulterjuri u liema rettifika ta' nuqqas tista' tiġi differita. Madankollu, dan ma japplikax meta l-MEL tkun tintuża mill-bdot jew mill-persunal ta' ċertifikazzjoni awtorizzat.
- (c) Kwalunkwe nuqqas fl-inġenju tal-ajru li ma jpoġġix friskju serju s-sigurtà tat-titjira għandu jiġi rettifikat malajr kemm jista' jkun, wara d-data li jkun ġie identifikat l-ewwel in-nuqqas fl-inġenju tal-ajru u fi kwalunkwe limitu speċifikat fid-dejta ta' manutenzjoni jew l-MEL.

11. F'M.A.504, paragrafu (b) hu emendat kif ġej:

- (b) Il-komponenti li ma jissewwewx għandhom jiġu identifikati u maħżuna f'post sikur taħt il-kontroll ta' organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-istatus futur ta' tali komponent. Madankollu, għall-inġenji tal-ajru li ma jintużawx fit-trasport kummerċjali bl-ajru għajr l-inġenji tal-ajru b'magni kumplessi, il-persuna jew l-organizzazzjoni li ddikjarat li l-komponent ma jistax jissewwa tista' tittrasferixxi l-kustodja tiegħu, wara li tidentifikah bħala li ma jissewwiex, lil sid l-inġenju tal-ajru sakemm tali trasferiment ikun rifless fil-ġurnal abbord l-inġenju tal-ajru jew il-ġurnal tal-magna jew il-ġurnal tal-komponenti.

12. M.A.601 hi emendata kif ġejja:

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti minn organizzazzjoni biex tikkwalifka għall-ħruġ jew il-kontinwazzjoni ta' approvazzjoni għall-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru u l-komponenti.

13. F'M.A.706, paragrafu (k) hu emendat kif ġej:

- (k) Għall-inġenji tal-ajru b'magni kumplessi kollha u għall-inġenji tal-ajru użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi u tikkontrolla l-kompetenza tal-persunal involut fil-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u/jew il-verifiki ta' kwalità skont proċedura u standard miftiehem mal-awtorità kompetenti;

14. F'M.A.708, paragrafu (c) hu emendat u hu miżjud paragrafu ġdid (d) kif ġej:

- (c) Fil-każ ta' inġenji tal-ajru b'magni kumplessi u operazzjonijiet kummerċjali, meta l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata ma tkunx approvata kif jixraq għall-Parti-145 jew il-Parti-MA Subparti F, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi kuntratt ta' manutenzjoni bil-miktub ma' organizzazzjoni

approvata jew operatur ieħor ta' Parti-145 jew Parti-MA Subparti F, li jagħti dettalji dwar l-funzjonijiet speċifikati f'M.A.301-2, M.A.301-3, M.A.301-5 u M.A.301-6, li jiżgura li l-manutenzjoni kollha finalment titwettaq minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata minn Parti-145 jew il-Parti-M.A. Sottoparti F u li jiddefinixxi l-appoġġ tal-funzjonijiet ta' kwalità ta' M.A.712(b).

(d) Minkejja l-paragrafu (c), il-kuntratt jista' jkun fl-għamla ta' ordnijiet tax-xogħol individwali indirizzati lill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tal-Parti-145 jew Parti-M.A. Subparti-F fil-każ ta':

1. inġenju tal-ajru li jeħtieġ manutenzjoni mil-linja mhux skedata,
2. manutenzjoni kompetenti, inkluża manutenzjoni tal-magni.

15. F'M.A.801, paragrafi (c) u (d) huma emendati kif ġej:

(c) Permezz ta' deroga mill-punt M.A.801(b)2 għall-inġenji tal-ajru ELA1 mhux użati fl-operazzjonijiet kummerċjali, il-kompiti ta' manutenzjoni elenkati fl-Appendiċi VII jistgħu jiġu rilaxxati minn persunal ta' ċertifikazzjoni msemmi fil-punt M.A.801(b)2;

(d) Permezz ta' deroga mill-punt M.A.801(b), f'każ ta' sitwazzjonijiet mhux previsti, fejn inġenju tal-ajru ma jkunx jista' jtir minn post fejn ma jkunx hemm organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata skont dan l-Anness jew l-Anness II (Parti-145) u ma jkunx disponibbli l-ebda personal adegwat li jiċċertifika, is-sid jista' jawtorizza lil kwalunkwe persuna, b'mhux anqas minn tliet snin ta' esperjenza xierqa fil-manutenzjoni u li jkollu l-kwalifiki xierqa, biex iżżomm skont l-istandards stipulati fis-Subparti D ta' dan l-Anness u tirrilaxxa l-inġenji tal-ajru. F'dan il-każ is-sid għandu:

1. jikseb u jżomm dettalji dwar ir-rekords tal-inġenju tal-ajru tax-xogħol kollu li jitwettaq u tal-kwalifiki li jkollha l-persuna li toħroġ iċ-ċertifikazzjoni; u
2. jiżgura li kwalunkwe manutenzjoni bħal din tiġi vverifikata mill-ġdid u rilaxxata minn persuna awtorizzata kif jixraq li hi msemmija fil-punt M.A.801(b) jew organizzazzjoni approvata skont it-Taqsima A, Subparti F ta' dan l-Anness (Parti-M), jew mal-Anness II (Parti-145) mal-ewwel opportunità possibbli iżda f'perjodu li ma jaqbiżx is-sebat ijiem; u
3. jinnotifika lill-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru meta jiġi kkuntrattat skont il-punt M.A.201(i), jew l-awtorità kompetenti fin-nuqqas ta' kuntratt bħal dan, fi żmien sebat ijiem mill-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni bħal din.

16. F'M.A.803, paragrafu (b) hu emendat kif ġej:

(b) Għall-inġenji tal-ajru b'magni mhux kumplessi ta' 2 730 kg MTOM jew anqas, gliders, gliders bil-mutur jew blalen tal-arja, li ma jintużawx f'operazzjonijiet kummerċjali, il-bdot-sid jista' joħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz wara manutenzjoni limitata mill-bdot-sid kif speċifikat fl-Appendiċi VIII.

17. Paragrafu M.A.901 (g) hu emendat kif ġej:

- (g) Permezz ta' deroga mill-punti M.A.901(e) u M.A.901(i)2, għall-inġenji tal-ajru ELA1 li ma jintużawx f'operazzjonijiet kummerċjali, iċ-ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jista' jinħareġ ukoll mill-awtorità kompetenti wara valutazzjoni sodisfaċenti, abbażi ta' rakkomandazzjoni li ssir mill-persunal ta' ċertifikazzjoni approvata formalment mill-awtorità kompetenti u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III (Parti-66) kif ukoll ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt M.A.707(a)2(a), mibgħut flimkien mal-applikazzjoni mis-sid jew l-operatur. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ir-reviżjoni ta' ajrunavigabbiltà mwettqa skont il-punt M.A.710 u ma għandhiex tinħareġ għal aktar minn sentejn konsekuttivi;

18. Paragrafu M.B.105 (a) hu emendat kif ġej:

- (a) Sabiex jikkontribwixxu għat-titjib fis-sigurtà tal-ajru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipparteċipaw fi skambju reċiproku ta' kull informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku.

19. Appendiċi I hi emendata kif ġej:

Appendiċi I: Kuntratt ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

1. Meta sid jikkuntratta skont M.A.201 organizzazzjoni ta' ajrunavigabbiltà kontinwa approvata skont il-parti-M Subparti-G (CAMO) biex twettaq kompiti ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, fuq talba mill-awtorità kompetenti, għandha tintbagħat kopja tal-kuntratt mis-sid lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni ladarba dan ikun ġie ffirmat miż-żewġ partijiet.
2. Il-kuntratt għandu jiġi żviluppat filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' Parti M u għandu jiddefinixxi l-obbligi tal-firmatarji fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru.
3. Bħala minimu għandu jkun fih:
 - ir-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru,
 - it-tip ta' inġenju tal-ajru,
 - in-numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru,
 - sid l-inġenju tal-ajru jew l-isem tal-kerrej irreġistrat jew id-dettalji tal-kumpanija inkluż l-indirizz,
 - id-dettalji tas-CAMO inkluż l-indirizz.
 - it-tip ta' operazzjoni
4. Għandu jiddikjara dan li ġej:

"Is-sid jafda lis-CAMO bil-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru, l-iżvilupp ta' programm ta' manutenzjoni li għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti kif spjegat f'M.1 u l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru skont l-imsemmi programm ta' manutenzjoni

Skont dan il-kuntratt, iż-żewġ firmatarji jintrabtu li jsegwu l-obbligi rispettivi ta' dan il-kuntratt.

Is-sid jiddikjara, skont l-aħjar twemmin tiegħu li l-informazzjoni kollha mogħtija lis-CAMO dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru hi u sejra tkun preċiża u li l-inġenju tal-ajru mhux sejjer jitbiddel mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tas-CAMO.

F'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' dan il-kuntratt, minn xi wieħed mill-firmatarji, dan sejjer isir null. F'każ bħal dan, is-sid sejjer ikollu r-responsabbiltà sħiħa għal kull kompitu marbut mal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru u s-sid sejjer jintrabat li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni fi żmien ġimagħtejn sħaħ."

5. Meta sid jikkuntratta CAMO ma' M.A.201, l-obbligi ta' kull parti għandhom jinqasmu kif ġej:

5.1. Obbligi tas-CAMO:

1. ikollha t-tip ta' inġenju tal-ajru fil-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni tagħha;
2. tirrispetta l-kundizzjonijiet biex tinżamm l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru elenkati hawn taħt:
 - a) tiżviluppa programm ta' manutenzjoni għall-inġenju tal-ajru, inkluż kwalunkwe programm ta' affidabbiltà żviluppat, jekk ikun applikabbli;
 - b) tiddikjara l-kompiti ta' manutenzjoni (fil-programm ta' manutenzjoni) li jistgħu jitwettqu mill-bdot-sid skont il-punt M.A.803(c);
 - c) torganizza l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru;
 - d) ladarba jkun ġie approvat, tagħti kopja tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru lis-sid;
 - e) torganizza spezzjoni ta' tranżizzjoni mal-programm ta' manutenzjoni minn qabel tal-inġenju tal-ajru;
 - f) torganizza għall-manutenzjoni kollha li għandha titwettaq minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata;
 - g) torganizza għal kull direttiva tal-ajrunavigabbiltà applikabbli li għandha tiġi applikata;
 - h) torganizza għal kull nuqqas skopert matul manutenzjoni skedata, reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà jew irrappurtati mis-sid li għandhom jiġu korretti minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata;
 - i) tikkoordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà, is-sostituzzjoni tal-parts b'ħajja limitata, u r-rekwiżiti ta' spezzjoni tal-komponenti;
 - j) tinforma lis-sid kull darba li l-inġenju tal-ajru għandu jittieħed għand organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata;
 - k) timmaniġġja r-rekords tekniċi kollha;

- l) tarkivja r-rekords tekniċi kollha;
3. torganizza l-approvazzjoni ta' kwalunkwe modifika fl-inġenju tal-ajru skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 qabel ma sseħħ;
4. torganizzaw l-approvazzjoni ta' kwalunkwe tiswija fl-inġenju tal-ajru skont l-Anness I (Parti-21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 qabel ma titwettaq;
5. tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-Reġistrazzjoni kull meta l-inġenju tal-arju ma jiġix ippreżentat lill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata mis-sid kif mitlub mill-organizzazzjoni approvata;
6. tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-Reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt ma jkunx ġie rrispettat;
7. tiżgura li r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru titwettaq meta jkun meħtieġ u tiżgura li jinħareġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà jew li tintbagħat rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-Reġistrazzjoni;
8. tibgħat fi żmien 10 t'ijiem kopja ta' kwalunkwe ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ jew estiż lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-Reġistrazzjoni;
9. twettaq ir-rappurtar ta' okkorrenza b'mandat mir-regolamenti applikabbli;
10. tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-Reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti.

5.2. Obbligi tas-sid:

1. ikollu fehim ġenerali tal-programm ta' manutenzjoni approvat;
2. ikollu fehim ġenerali ta' dan l-Anness (Parti-M);
3. jippreżenta l-inġenju tal-ajru lill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata miftiehma mas-CAMO meta jkun xieraq kif indikat mit-talba tas-CAMO;
4. ma jimmodifikax l-inġenju tal-ajru mingħajr ma l-ewwel jikkonsulta mas-CAMO;
5. jinforma lis-CAMO dwar kull manutenzjoni eċċezzjonali mwettqa mingħajr l-għarfien u l-kontroll tas-CAMO;
6. jirrapporta lis-CAMO permezz tal-ġurnal, in-nuqqasijiet kollha misjuba matul l-operazzjonijiet;
7. jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti;
8. jinforma lis-CAMO u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta jinbiegħ l-inġenju tal-ajru;
9. iwettaq ir-rappurtar ta' okkorrenza b'mandat mir-regolamenti applikabbli;
10. jinforma fuq bażi regolari lis-CAMO dwar il-ħinijiet ta' titjir tal-inġenju tal-ajru u dejta ta' utilizzazzjoni oħra, kif miftiehem mas-CAMO;

11. idaħħal iċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz fil-ġurnali kif imsemmi fil-punt M.A.803(d) meta jwettaq manutenzjoni mill-bdot-sid mingħajr ma jaqbeż il-limiti tal-kompiti ta' manutenzjoni kif iddikjarat fil-programm ta' manutenzjoni approvat kif stabbilit fil-punt M.A.803(c);
12. jinforma lis-CAMO sa mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tlestija ta' kwalunkwe komputu ta' manutenzjoni tal-bdot-sid skont il-punt M.A.305(a).

20. Appendiċi VI, paġna 1, hi emendata kif ġej:

Appendiċi VI

Approvazzjoni mill-Organizzazzjoni ta' Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà Kontinwa
msemija fl-Anness I (Parti-M) Subparti G

[STAT MEMBRU*]

Membri tal-Unjoni Ewropea**

ORGANIZZAZZJONI TA' ĠESTJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ KONTINWA ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU*].MG.XXXX (ref. AOC XX.XXXX)

Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għalissa fis-seħħ u soġġett għall-kundizzjoni speċifikata hawn taħt, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU*] b'dan tiċċertifika:

[ISEM U INDIRIZZ TAL-KUMPAĊIJA]

bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa b'konformità mat-Taqsima A, Subparti G tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, approvata biex timmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru elenkati fl-iskeda mehmuża tal-approvazzjoni u, fejn ikun stipulat, biex toħroġ rakkomandazzjonijiet u ċertifikati ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà wara reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà kif speċifikat fil-punt M.A.710 tal-Anness I (Parti-M), u, fejn ikun stipulat, biex toħroġ permessi għat-titjir kif speċifikat fil-punt M.A.711(c) tal-Anness I (Parti-M) tal-istess Regolament.

KUNDIZZJONIJIET

1. Din l-approvazzjoni hi limitata għal dik speċifikata fil-kamp ta' applikazzjoni tat-taqsima ta' approvazzjoni tal-espożizzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata kif imsemmi fit-Taqsima A, Subparti G tal-Anness I (Parti-M) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.
2. Din l-approvazzjoni teħtieġ konformità mal-proċeduri speċifikati fl-Anness I (Parti-M) u jekk ikun applikabbli l-espożizzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata tal-Anness V (Parti-T) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.
3. Din l-approvazzjoni hi valida sakemm l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tibqa' f'konformità mal-Anness I (Parti-M), u jekk ikun applikabbli, l-Anness V (Parti-T) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.
4. Fejn l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tikkuntratta taħt is-Sistema ta' Kwalità tagħha, is-servizz ta' organizzazzjoni jew ta' diversi organizzazzjonijiet, din l-approvazzjoni tibqa' valida sakemm tali organizzazzjoni(jiet) jissodisfaw l-obbligati kuntrattwali applikabbli.
5. Soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet 1 sa 4 ta' hawn fuq, din l-approvazzjoni għandha tibqa' valida għal perjodu illimitat sakemm l-approvazzjoni tkun preċedement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew revokata.

Jekk din il-formula tintuża wkoll għall-operaturi tat-trasport kummerċjali bl-ajru, in-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru (AOC) għandu jiġi miżjud mar-referenza, flimkien man-numru standard, u l-kundizzjoni 5 għandha tiġi ssostitwita minn dawn il-kundizzjonijiet żejda li ġejjin:

6. Din l-approvazzjoni ma tikkostitwixxi awtorizzazzjoni biex jitħaddmu t-tipi ta' inġenji tal-ajru msemmija fil-paragrafu 1. L-awtorizzazzjoni biex jitħaddem l-inġenju tal-ajru hi l-AOC.

7. It-terminazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-AOC awtomatikament tinvalida din l-approvazzjoni fir-rigward tal-reġistrazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru speċifikati fl-AOC, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mill-awtorità kompetenti.

8. Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet preċedenti, din l-approvazzjoni għandha tibqa' valida għal żmien mhux limitat sakemm l-approvazzjoni ma tkunx preċedentement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew revokata.

Data tal-ħruġ oriġinali:

Iffirmata:

Data ta' din ir-reviżjoni: Nru tar-Reviżjoni:

Għall-Awtorità Kompetenti: [AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTATMEMBRU*]

Paġna... minn ...

(...)

Formula tal-EASA 14 Ħruġ4

ANNEX 2

1. Hu miżjud Anness V (Parti-T) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 kif ġej:

Anness V

PARTI-T

Werrej

T.1 Awtorità kompetenti

Taqsim A — Rekwiżiti tekniċi

Subparti A — ĠENERALI

T.A.101 Kamp ta' Applikazzjoni

Subparti B — REKWIŻITI

T.A.201 Rekwiżiti komuni

T.A.205 Rekwiżiti addizzjonali

Subparti C — PROGRAMM TA' MANUTENZJONI

T.A.301 Kontenut tal-programm ta' manutenzjoni

Subparti D (Riżervata)

Subparti E —ORGANIZZAZZJONI TA' MANUTENZJONI

T.A.501 Organizzazzjoni ta' manutenzjoni

Subparti G — REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ KONTINWA APPROVATI SKONT L-ANNEX I (PARTI-M) SUBPARTI G

T.A.701 Kamp ta' applikazzjoni

T.A.704 Espożizzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

T.A.706 Rekwiżiti tal-persunal

T.A.708 Ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

T.A.709 Dokumentazzjoni

T.A.711 Privileġġi

T.A.712 Sistema ta' kwalità

T.A.714 Żamma tar-rekords

T.A.715 Validità kontinwa tal-approvazzjoni

T.A.716 Sejbiet

Taqsim B — Proċeduri għall-awtoritajiet kompetenti

Subparti A — ĠENERALI

T.B.101 Kamp ta' applikazzjoni

T.B.102 Awtorità kompetenti

T.B.104 Żamma tar-rekords

Subparti B — KONTABBILTÀ

T.B.201 Responsabbiltajiet

T.B.202 Sejbiet

Subparti G — REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ KONTINWA APPROVATI SKONT L-ANNESS I (PARTI-M) SUBPARTI G

T.B.704 Sorveljanza kontinwa

T.B.705 Sejbiet

APPENDIĊIJIET

Appendiċi I ta' Parti-T — Kuntratt ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

T.1 Awtorità kompetenti

Għall-fini ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

1. Għall-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(2)(a), l-awtorità magħżula mill-Istat Membru fejn l-operatur għandu s-sede prinċipali tiegħu.
2. Għall-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(2)(b), l-awtorità magħżula mill-Istat Membru fejn l-operatur għandu residenza jew hu stabbilit.
3. Għas-sorveljanza ta' organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa kif speċifikat f'T.A., Subparti G:
 - (i) l-awtorità magħżula mill-Istat Membru fejn dik l-organizzazzjoni għandha s-sede prinċipali, jew
 - (ii) l-Aġenzija, jekk l-organizzazzjoni tkun tinsab f'pajjiż terz.

TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI

Subparti A — Ġenerali

T.A.101 Kamp ta' Applikazzjoni

Din it-taqsimha tistabbilixxi rekwiżiti biex tiżgura li tinżamm ajrunavigabbiltà kontinwa f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali tal-Anness IV tar-Regolament Nru 216/2008

Tispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti mill-persuni u l-organizzazzjonijiet responsabbli mill-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa u l-manutenzjoni

Subparti B — Rekwiżiti

T.A.201 Rekwiżiti komuni

1. L-operatur hu responsabbli għall-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru u għandu jiżgura li dan ma jitħaddimx sakemm:
 - (a) l-inġenju tal-ajru ma jkollux ċertifikat tat-tip maħruġ jew ivvalidat mill-Aġenzija;
 - (b) l-inġenju tal-ajru jkun f'kundizzjoni tajba għat-titjir;
 - (c) l-inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà validu maħruġ skont l-Anness 8 tal-ICAO;
 - (d) il-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru titwettaq skont programm ta' manutenzjoni li għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tas-Subparti C.
 - (e) kwalunkwe nuqqas jew ħsara li taffettwa t-tħaddim sikur tal-inġenju tal-ajru jiġu rranġati skont standard aċċettabbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni;
 - (f) l-inġenju tal-ajru jikkonforma ma' kwalunkwe:
 - (i) direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà jew rekwiżit tal-ajrunavigabbiltà kontinwa applikabbli maħruġa jew adottati mill-Istat tar-Reġistrazzjoni; u
 - (ii) informazzjoni dwar is-sigurtà obbligatorja applikabbli li tkun maħruġa mill-Aġenzija, inkluż direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà;
 - (g) jinħareġ rilaxx għas-servizz lill-inġenju tal-ajru wara manutenzjoni minn persuni u organizzazzjonijiet ikkwalifikati f'konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni. Ir-rilaxx għas-servizz iffirmit għandu jkun fih, b'mod partikolari, id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni mwettqa.
2. L-inġenju tal-ajru għandu jiġi spezzjonat, permezz ta' spezzjoni qabel it-titjira.
3. Il-modifiki u t-tiswijiet kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà stabbiliti mill-Istat tar-Reġistrazzjoni
4. Ir-rekords dwar l-inġenji tal-ajru li ġejjin għandhom jinżammu sakemm l-informazzjoni inkluża tkun ġiet issostitwita minn informazzjoni ġdida ekwivalenti fil-kamp ta' applikazzjoni u fid-dettal iżda mhux anqas minn 24 xahar:
 - (a) il-ħin totali f'servizz (siegħat, ċikli, u żmien kalendarju, kif ikun xieraq) tal-inġenju tal-ajru u l-komponenti b'ħajja limitata kollha;
 - (b) l-istatus attwali tal-konformità mar-rekwiżiti ta' T.A.201 (1)(f);
 - (c) l-istatus attwali tal-konformità mal-programm ta' manutenzjoni;
 - (d) l-istatus attwali tal-modifiki u t-tiswijiet flimkien mad-dettalji xierqa u d-dejta ta' appoġġ li turi li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.

T.A.205 Rekwiżiti addizzjonali għall-inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet kummerċjali u operazzjoni ta' inġenji tal-ajru b'magni kumplessi

1. L-operatur għandu jiżgura li l-kompiti speċifikati f'T.A.201 jiġi kkontrollati minn organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata skont il-Parti-M Subparti G għat-tip ta' inġenju tal-ajru u jkunu konformi mar-rekwiżiti addizzjonali ta' T.A. Subparti G. Għal dan il-għan, meta operatur ma jkunx approvat b'mod xieraq

bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, għandu jsir kuntratt skont l-Appendiċi I ta' din il-Parti ma' tali organizzazzjoni

2. L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa msemmija f'(1) għandha tiżgura li l-manutenzjoni u r-rilaxx tal-inġenju tal-ajru jitwettqu minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tas-Subparti E. Għal dan il-għan, meta l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti tas-subparti E stess, għandha tistabbilixxi kuntratt ma' tali organizzazzjoni

Subparti C — Programm ta' manutenzjoni

T.A.301 Programm ta' manutenzjoni

1. L-operatur hu responsabbli għall-iżvilupp u l-emenda tal-programm ta' manutenzjoni u l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni.
2. Il-programm ta' manutenzjoni għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni dwar il-programm ta' manutenzjoni li titqiegħed għad-dispożizzjoni mill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tat-tip.
3. Il-programm ta' manutenzjoni għandu jkun jinkludi kompiti ta' manutenzjoni u l-intervalli li għandhom jitwettqu fihom dawn il-kompiti, filwaqt li jqis l-użu antiċipat tal-inġenju tal-ajru. B'mod partikolari, il-programm ta' manutenzjoni għandu jidentifika l-kompiti u l-intervalli li ġew speċifikati bħala obbligatorji fl-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa.

Subparti D (Riżervata)

Subparti E —Organizzazzjoni ta' manutenzjoni

T.A.501 Organizzazzjoni ta' manutenzjoni

L-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa għandha tiżgura li l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) L-organizzazzjoni jkollha approvazzjoni għal organizzazzjoni ta' manutenzjoni maħruġa jew aċċettabbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.
- (b) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-organizzazzjoni tinkludi l-kapaċità tal-inġenji tal-ajru u l-komponenti xierqa.
- (c) L-organizzazzjoni tkun stabbilixxiet sistema ta' rappurtar tal-okkorrenzi li tiżgura li kwalunkwe kundizzjoni identifikata ta' inġenju tal-ajru jew komponent li tpoġġi friskju s-sigurtà tat-titjira tiġi rappurtata lill-operatur, l-awtorità kompetenti tal-operatur, l-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tat-tip jew id-disinn tat-tip supplimentali u l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa.
- (d) L-organizzazzjoni tkun stabbilixxiet manwal tal-organizzazzjoni li jagħti deskrizzjoni tal-proċeduri tal-organizzazzjoni.

Subparti G — Rekwiżiti addizzjonali għall-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvati skont l-Anness I (Parti-M) Subparti-G

T.A.701 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti flimkien mar-rekwiżiti tal-Parti-M Subparti G minn organizzazzjoni approvata skont il-Parti-M Subparti G biex tikkontrolla l-kompiti speċifikati f'T.A.201

T.A.704 Espożizzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

Minbarra r-rekwiżiti ta' M.A.704 (a), l-espożizzjoni għandha tinkludi proċeduri li jispeċifikaw kif l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tiżgura konformità mal-Parti-T

T.A.706 Rekwiżiti tal-persunal

Minbarra r-rekwiżiti ta' M.A.706 (g), il-persunal tal-MA.706 (c) u (d) għandu jkollu għarfien xieraq tar-regolamenti applikabbli fil-pajjiżi terzi.

T.A.708 Ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

1. Minkejja M.A.708, għall-inġenji tal-ajru ġestiti skont ir-rekwiżiti tal-Parti-T, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata għandha:
 - (a) tiżgura li l-inġenju tal-ajru jittieħed f'organizzazzjoni ta' manutenzjoni kull meta jkun meħtieġ;
 - (b) tiżgura li l-manutenzjoni titwettaq skont il-programm ta' manutenzjoni;
 - (c) tiżgura l-applikazzjoni tal-informazzjoni obbligatorja ta' T.A.201 (1)(f);
 - (d) tiżgura li kull nuqqas skopert matul il-manutenzjoni skedata jew irrappurtat korrett mill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni skont id-dejta dwar il-manutenzjoni aċċettabbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni;
 - (e) tikkoordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tal-informazzjoni obbligatorja ta' T.A.201 (1)(f), is-sostituzzjoni tal-parts b'ħajja limitata, u l-ispezzjoni tal-komponenti biex jiġi żgurat li x-xogħol jitwettaq kif support;
 - (f) timmaniġġja u tarkivja r-rekords tal-ajrunavigabbiltà kontinwa meħtieġa minn T.A.201 (4);
 - (g) tiżgura li l-modifiki u t-tiswijiet jiġu approvati skont ir-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni.
2. Meta organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tiġi kkuntrattata minn operatur biex twettaq il-kompiti speċifikati minn punt (1), għandu jsir kuntratt skont l-Appendiċi I bejn l-operatur u l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa.

T.A.709 Dokumentazzjoni

Minkejja M.A.709 (a) u (b), għal kull ingenu tal-ajru ġestit skont ir-rekwiżiti tal-Parti-T, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa għandu jkollha u tuża dejta ta' manutenzjoni applikabbli aċċettabbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni. Din id-dejta tista' tingħata mill-operatur, li għandha tiġi riflessa fil-kuntratt imsemmi f'T.A.205 (1). F'każ bħal dan, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa trid iżżomm biss din id-dejta għad-dewmien tal-kuntratt, ħlief meta jkun meħtieġ minn punt T.A.714.

T.A.711 Privileġġi

Organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata skont Parti-M Subparti G tista' twettaq il-kompiti speċifikati f'T.A.708, sakemm dik l-organizzazzjoni tkun stabbilixxiet proċeduri, approvati mill-awtorità kompetenti, biex tiżgura konformità mal-Parti-T.

T.A.712 Sistema ta' kwalità

1. Minbarra r-rekwiżiti ta' M.A.712, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa għandha tiżgura li s-sistema ta' kwalità tissorvelja li l-attivitajiet kollha taħt din is-Subparti jitwettqu skont il-proċeduri approvati.
2. Organizzazzjoni li timmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa skont din is-Subparti mhijiex eliġibbli biex tuża d-dispożizzjonijiet ta' M.A.712 (f).

T.A.714 Żamma tar-rekords

Minbarra r-rekwiżiti ta' M.A.714 (a), l-organizzazzjoni għandha iżżomm ir-rekords meħtieġa minn T.A.201 (4).

T.A.715 Validità kontinwa tal-approvazzjoni

Minbarra l-kundizzjonijiet ta' M.A.715(a), għal organizzazzjoni li timmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa skont din is-Subparti, l-approvazzjoni għandha tibqa' valida sakemm:

- (a) l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-T; u
- (b) l-organizzazzjoni tiżgura li kwalunkwe persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti tingħata aċċess għal kwalunkwe waħda mill-faċilitajiet, ingeni tal-ajru jew dokumenti tagħha li huma relatati mal-attivitajiet, inkluża kull attività sottokuntrattata, biex tiġi stabbilita konformità ma' din il-Parti.

T.A.716 Sejbiet

1. Wara l-irċevuta ta' notifika tas-sejbiet skont T.B.705, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa għandha tiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiv u turi azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti f'perjodu miftiehem ma' din l-awtorità.

TAQSIMA B — PROĊEDURI ADDIZZJONALI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

Subparti A — Ġenerali

T.B.101 Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti li jieħdu ħsieb l-applikazzjoni u l-infurzar tat-Taqsima A ta' din il-Parti-T.

T.B.102 Awtorità kompetenti

1. Ġenerali

Stat Membru għandu jagħżel awtorità kompetenti b'responsabbiltajiet allokatu kif imsemmi f'T.1. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri ddokumentati u struttura organizzattiva.

2. Riżorsi

In-numru ta' persunal għandu jkun xieraq biex iwettaq ir-rekwiżiti kif spjegat f'din it-Taqsima

3. Kwalifiki u taħriġ

Il-persunal kollu involut fl-attivitajiet tal-Parti-T għandu jikkonforma mar-rekwiżit ta' M.B.102 (c).

4. Proċeduri

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċedura li tispjega kif tintlaħaq konformità ma' din il-Parti.

T.B.104 Żamma tar-rekords

1. Taħt din il-Parti għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' M.B.104 (a), (b), (c) u (e).

2. Ir-rekords minimi għas-sorveljanza ta' kull inġenju tal-ajru għandhom jinkludu, tal-anqas, kopja ta':

- a) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru,
- b) kull korrisondenza rilevanti relatata mal-inġenju tal-ajru,
- c) dettalji dwar kull eżenzjoni u azzjoni(jiet) ta' infurzar.

3. Kull rekord speċifikat f'T.B.104 għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni, fuq talba, lil Stat Membru ieħor, lill-Aġenzija jew lill-Istat tar-Reġistrazzjoni.

T.B.105 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

Ir-rekwiżiti ta' M.B.105 huma applikabbli għal din il-Parti

Subparti B — Kontabbiltà

T.B.201 Responsabbiltajiet

L-awtoritajiet kompetenti kif speċifikat f'T.1 huma responsabbli għat-twetliq ta' spezzjonijiet u investigazzjonijiet, inkluż stħarriġ fuq l-inġenji tal-ajru, sabiex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti ta' din il-Parti huma mħarsa.

T.B.202 Sejbiet

1. Sejba tal-livell 1 hi kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti tal-Parti-T li tnaqqas l-istandard ta' sigurtà u tpoġġi friskju serju s-sikurezza tat-titjira.
2. Sejba tal-livell 2 hi kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-T li tnaqqas l-istandard ta' sigurtà u tpoġġi friskju serju s-sigurtà tat-titjira.
3. Meta tiġi skoperta sejba matul l-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet, l-istħarriġ fuq l-inġenju tal-ajru jew b'mezzi oħra, l-awtorità kompetenti għandha:
 - a) tieħu miżuri kif ikun meħtieġ, bħal li l-inġenju tal-ajru ma jitħalliex itir, biex tiġi evitata l-kontinwazzjoni tan-nuqqas ta' konformità,
 - b) titlob azzjonijiet korrettivi xieraq għan-natura tas-sejba li għandha tittieħed.
4. Għal sejbiet tal-livell 1, l-awtorità kompetenti għandha titlob li tittieħed azzjoni korrettiva xierqa qabel titjira ulterjuri u tinnotifika lis-Stat tar-Reġistrazzjoni.

Subparti G — Rekwiżiti addizzjonali għall-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvati skont l-Anness I (Parti-M) Subparti-G

T.B.702 Approvazzjoni inizjali

Minbarra r-rekwiżiti ta' M.B.702, meta l-espożizzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa jkun fiha proċeduri biex timmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi li dawk il-proċeduri jikkonformaw mal-Parti-T u għandha tivverifika li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' Parti-T.

T.B.704 Sorveljanza kontinwa

Minbarra r-rekwiżiti ta' M.B.704, kampjun rilevanti tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(2) ġestiti mill-organizzazzjoni approvata minn Parti-M Subparti G għandha tiġi mistħarġa f'kull perjodu ta' 24 xahar.

T.B.705 Sejbiet

Minbarra r-rekwiżiti ta' M.B.705, għall-organizzazzjonijiet li jimmaniġġjaw l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1(2), l-awtorità kompetenti għandha wkoll tieħu azzjoni meta matul il-verifiki, l-ispezzjonijiet tar-rampa jew b'mezzi oħra tinstab evidenza li turi nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-T.

Appendiċi I ta' Parti-T: Kuntratt ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

1. Il-kuntratt għandu jiġi żviluppat filwaqt li jqis ir-rekwiżiti tal-Parti-T u dawk b'mandat mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.
2. Bħala minimu għandu jkun fih:
 - ir-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru u l-Istat tar-Reġistrazzjoni;
 - il-manifattur/tip/mudell tal-inġenju tal-ajru;
 - in-numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru;
 - id-dettalji ta' kuntatt tal-operatur tal-inġenju tal-ajru;
 - it-tip ta' operazzjoni
 - l-isem, l-indirizz u r-referenza ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa;
 - Regolament dwar l-Istat tar-Reġistrazzjoni applikabbli għall-inġenju tal-ajru.

3. Għandu jiddikjara dan li ġej:

L-operatur hu responsabbli biex jiżgura li l-inġenju tal-ajru jkollu programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru aċċettabli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.

L-operatur jafda lill-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa (CAMO) approvata bit-tweqqif tal-kompiti ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, inkluża l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru skont l-imsemmi programm ta' manutenzjoni f'organizzazzjoni ta' manutenzjoni.

Skont dan il-kuntratt, iż-żewġ firmatarji jintrabtu li jsegwu l-obbligi rispettivi ta' dan il-kuntratt.

L-operatur jiddikjara, skont l-aħjar twemmin tiegħu li l-informazzjoni kollha mogħtija lis-CAMO approvata dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru hija u sejra tkun preċiża u li l-inġenju tal-ajru mhux sejjer jitbiddel mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tas-CAMO approvata.

F'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-kuntratt, minn xi wieħed mill-firmatarji, dan sejjer isir null. F'każ bħal dan, l-operatur sejjer jerfa' r-responsabbiltà sħiħa għal kull kompitu marbut mal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru u sejjer jinforma lill-awtorità kompetenti tiegħu fi żmien ġimagħtejn.

4. L-obbligi ta' kull parti għandhom jiġu maqsuma kif ġej:

4.1. Obbligi tas-CAMO kkuntrattata:

1. ikollha t-tip ta' inġenju tal-ajru fil-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni tagħha;
2. tirrispetta l-kundizzjonijiet li huma elenkati hawn taħt biex tinżamm l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru:
 - (a) torganizza għall-manutenzjoni kollha li għandha titwettaq minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni;
 - (b) torganizza għall-informazzjoni obbligatorja ta' T.A.201 (1)(f) li għandha tiġi applikata;

- (c) torganizza għal kull nuqqas skopert matul il-manutenzjoni skedata jew irrappurtat mis-sid li għandu jiġi korrett minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni;
 - (d) tikkoordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tal-informazzjoni obbligatorja ta' T.A.201 (1)(f), is-sostituzzjoni tal-parts b'ħajja limitata, u r-rekwiżiti ta' spezzjoni tal-komponenti;
 - (e) tinforma lis-sid kull darba l-inġenju tal-ajru jittieħed f'organizzazzjoni ta' manutenzjoni;
 - (f) timmaniġġja r-rekords tekniċi;
 - (g) tarkivja r-rekords tekniċi kollha;
3. torganizza l-approvazzjoni ta' modifika u kull tiswija fl-inġenju tal-ajru skont ir-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni;
 4. tinforma lill-awtorità kompetenti tal-operatur kull meta l-inġenju tal-ajru ma jkunx ġie ippreżentat lill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni mill-operatur kif mitlub mis-CAMO;
 5. tinforma kemm lill-awtorità kompetenti tal-operatur u l-awtorità kompetenti tas-CAMO kull meta ma jgix rispettat dan il-kuntratt;
 6. twettaq ir-rappurtar ta' okkorrenza b'mandat mir-regolamenti applikabbli;
 7. tinforma lill-awtorità kompetenti tas-CAMO kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti.

4.2. Obbligi tal-operatur:

1. ikollu fehim ġenerali ta' dan l-Anness (Parti-T);
2. jipprovdi lis-CAMO bil-programm ta' manutenzjoni;
3. jippreżenta l-inġenju tal-ajru lill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni miftiehma mas-CAMO fil-ħin xieraq kif indikat mis-CAMO;
4. ma jimmodifikax l-inġenju tal-ajru mingħajr ma l-ewwel jikkonsulta mas-CAMO;
5. jinforma lis-CAMO dwar kull manutenzjoni eċċezzjonali mwettqa mingħajr l-għarfien u l-kontroll tas-CAMO;
6. jirrapporta lis-CAMO permezz tal-ġurnal, in-nuqqasijiet kollha misjuba matul l-operazzjonijiet;
7. jinforma lill-awtorità kompetenti tal-operatur kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn kwalunkwe parti;
8. jinforma lill-awtorità kompetenti tal-operatur u lis-CAMO kull meta jinbiegħ l-inġenju tal-ajru;
9. jinforma fuq bażi regolari lis-CAMO dwar il-ħinijiet ta' titjir tal-inġenju tal-ajru u dejta ta' utilizzazzjoni oħra, kif miftiehem mas-CAMO.